**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLVIII**
**Appell Nru: 136/2000**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**PAUL CREMONA**

**Illum, 14 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Paul Cremona tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali w akkuzat talli fil-11 ta'Mejju, 1999, u qabel din id-data, naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li kien haddem mieghu lill-Keith Tonna, minuri ta' l-eta' obbligatorja ghall-Iskola, minghajr ma nhargitlu l-karta tax-xoghol, u dan ai termini ta' l-Att XXVIII tal-1990, Artikolu 3 (a) 4 ta' l-Avviz Legali 110/93, Artikolu 61 (i)(ii) ta' l-Avviz Legali 110/93, Artikolu 10 ta' l-Avviz Legali 110/93, u l-Artikolu 61 (2) ta' l-Avviz Legali 110/93.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fil-25 ta'Mejju, 2000, li biha sabet lill-Paul Cremona hati skond l-akkuza w kkundannatu ghall-Multa ta' Lm120.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta'Paul Cremona datat l-1 ta'Gunju, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull piena w htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju principali ta' l-appellant hu, bazikament, li fil-gurnata jew granet in kwistjoni Keith Tonna ma kienx impjegat mas-socjeta' li tiggestixxi n-negozju tal-Gillieru Restaurant f'San Pawl il-Bahar, izda kien hemmhekk biex

jara x'jinvolvi x-xoghol fl-imsemmi restaurant qabel ma jiddeciedi jekk jimpjegax ruhu hemmhekk jew le.

L-appellant jghid li dan Keith Tonna qatt ma thallas kemm dam hemmhekk ghal dan l-iskop u ma kien hemm ebda ftehim li Tonna kellu jigi impjegat mas-socjeta'. Kien hemm biss il-hsieb li eventwalment dan jigi impjegat jekk jara li dak ix-xoghol jghodd ghalih.

Mill-kumpless tal-provi li semghet din il-Qorti, hi tara li ma jistghax jinghad li fil-gurnata in kwistjoni (11 ta'Mejju, 1999, il-gurnata li saret l-inspection fir-restaurant in kwistjoni minn ufficcjali tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig), jew anke qabel din id-data, l-appellant kien impjega lill-imsemmi Keith Tonna jew li dan kien qed jaghmel xi xoghol fir-restaurant imsemmi. Fil-fatt hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma xehed li kien ra lil dan Tonna jaghmel xi xoghol, izda qalu li rawh hemmhekk fl-inhawi tal-bar jew xort'ohra. Kif inghad, kemm l-appellant kif ukoll dan Tonna kienu biss qedin jesploraw il-possibilita' ta'impieg.

Hu f'dan is-sens ghalhekk li l-Qorti tifhem li dan Tonna kien fir-restaurant ta' l-appellant 'on a trial basis'. Hi tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz ghandha tilqa' dan l-appell interpost a bazi ta' dan l-aggravju, u, ghalhekk, m'ghandhiex ghalfejn tidhol fl-aggravji l-ohra.

Ghal motivi premessi, il-Qorti qed tilqa' l-appell ta'Paul Cremona, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur